

Brussell, 20 ta' April 2023
(OR. en, pl)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0206(COD)

8358/23
ADD 1

CODEC 623
CLIMA 199
ENV 382
ENER 191
TRANS 147
SOC 253
FIN 440
RESPR 15
COH 38
CADREFIN 50

NOTA PUNT "A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1060 (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv = Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni mil-Litwanja

Il-Litwanja tapprova t-test ta' kompromess finali tar-Regolament li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima.

Il-Litwanja taqbel li huma meħtieġa ambizzjonijiet akbar fir-rigward tal-mitigazzjoni tal-gassijiet serra biex tintlaħaq il-mira fit-tul tan-newtralità klimatika. L-EU ETS imsaħħa, estiża għal setturi ġodda, hija għodda effettiva biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra. L-estensjoni tal-EU ETS għat-trasport, il-bini u setturi oħra hija strument li għandu jipprovdi approċċ armonizzat fil-livell tal-UE għall-mitigazzjoni tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra li ma jaqgħux taħt l-ETS, speċjalment fis-settur tat-trasport. Madankollu, dan ser joħloq ukoll sfidi soċjoekonomiċi addizzjonali, u ser ikunu l-Istati Membri bi PDG aktar baxx u bl-ogħla rati ta' faqar enerġetiku li jġarrbu l-aktar effetti negattivi.

F'dan ir-rigward, il-Litwanja tilqa' l-istabbiliment tal-Fond Soċjali għall-Klima bħala għodda biex jittaffew l-impatti soċjali negattivi tal-EU ETS proposta għall-bini u t-trasport bit-triq (ETS BRT) fuq l-unitajiet domestiċi vulnerabbli, il-mikrointrapriżi, u l-utenti tat-trasport, permezz ta' miżuri u investimenti kif ukoll appoġġ dirett temporanju għall-introjtu. Huwa kruċjali li jiġi żgurat li l-Istati Membri bi PDG aktar baxx u li jesperjenzaw l-akbar faqar enerġetiku jirkupraw tal-inqas l-ispejjeż imġarrba fil-qafas tal-ETS BRT permezz tad-drittijiet ta' rkant u l-Fond Soċjali għall-Klima.

Il-Litwanja jiddispjaċiha li l-Fond Soċjali għall-Klima ser jiġi stabbilit b'daqs fiss, mingħajr ebda possibbiltà li d-daqs tiegħu jiżdied b'mod dinamiku f'konformità maż-żieda fil-prezz tal-kwoti (speċjalment aktar minn EUR 55) biex jittieħed rispons adegwat għall-bidliet fil-kostijiet imġarrba mill-konsumaturi.

Jiddispjaċiha wkoll li l-mekkaniżmu ta' regolamentazzjoni tal-prezzijiet stabbilit għall-kwoti jista' ma jagħmilhiex possibbli li l-prezz tal-karbonju jitbassar b'mod effettiv fuq perjodu ta' żmien itwal, peress li huwa stabbilit biss għas-snin 2028 u 2029 (l-Artikolu 30h tad-Direttiva 2003/87/KE emendata).

Dikjarazzjoni mill-Polonja

Fil-fehma tal-Polonja, huwa kruċjali li t-tranżizzjoni tal-UE lejn in-newtralità klimatika tkun ġusta.

F'dan il-kuntest, nappoġġaw l-idea li jiġi allokat finanzjament addizzjonali tal-UE biex jiġu kkompensati l-kostijiet tat-tranżizzjoni tal-enerġija, kemm għall-entitajiet f'faqar enerġetiku u f'esklużjoni mit-trasport, kif ukoll għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli, il-mikrointrapriżi vulnerabbli u l-utenti tat-trasport vulnerabbli.

Madankollu, mhuwiex xieraq li l-ħolqien tal-Fond Soċjali għall-Klima jkun jiddependi fuq l-introduzzjoni ta' soluzzjonijiet li jqiegħdu piż addizzjonali fuq l-unitajiet domestiċi, u b'hekk il-faqar jiżdied u jiġi aggravat.

Barra minn hekk, il-Polonja ttenni l-pożizzjoni negattiva tagħha dwar il-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55%" kollu kemm hu, li jistabbilixxi miri u ambizzjonijiet mhux realistiki u jħalli impatt sinifikanti fuq it-taħlita tal-enerġija tal-Istati Membri.

Il-Polonja hija tal-opinjoni li l-biċċa l-kbira tal-pakkett qed jiġi ttrattat fuq bażi legali inkorretta, li jgħodq preċedent perikoluż.

Għal din ir-raġuni, il-Polonja qed toqgħod lura milli tivvota favur din il-leġislazzjoni.

Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni

Dikjarazzjoni 1

Bħala parti min-negozjati skont ir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar l-effiċjenza fl-enerġija, l-intenzjoni tal-Kummissjoni hija li tippreżenta emenda mmirata tar-Regolament li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima biex id-definizzjoni ta' faqar enerġetiku tiġi aġġornata f'konformità mal-ftehim milħuq dwar id-definizzjoni ta' faqar enerġetiku fir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar l-effiċjenza fl-enerġija.

Dikjarazzjoni 2

Fil-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda, il-punti 30 sa 33 jirrikjedu li l-Kummissjoni tqiegħed għad-dispożizzjoni sistema ta' informazzjoni u monitoraġġ integrata u interoperabbli li tinkludi għodda unika għall-estrazzjoni tad-data u għall-kejl tar-riskju biex tiġi aċċessata u analizzata d-data meħtieġa, bil-ħsieb li tiġi applikata b'mod ġenerali mill-Istati Membri. Barra minn hekk, it-tliet istituzzjonijiet qablu li jikkooperaw b'mod sinċier tul il-proċedura leġislattiva relatata mal-atti bażiċi rilevanti biex jiġi żgurat li l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Lulju 2020 ikollhom segwitu fir-rigward ta' dan l-element.

Il-Kummissjoni tqis li l-ftehim milħuq mill-koleġislaturi dwar l-użu ta' għodda unika għall-estrazzjoni tad-data u l-ġbir u l-analiżi tad-data dwar is-sidien benefiċjarji tar-riċeventi tal-finanzjament mhuwiex biżżejjed biex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni kontra l-frodi u l-irregolaritajiet u biex jiġu żgurati verifiki effiċjenti dwar il-kunflitti ta' interess, l-irregolaritajiet, il-ħruġ tal-finanzjament doppju u l-użu ħażin kriminali tal-fondi. Għalhekk, l-approċċ maqbul mill-koleġislaturi fir-Regolament li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima ma jirriflettix b'mod xieraq l-ambizzjoni u l-ispirtu mixtieqa tal-Ftehim Interistituzzjonali.

Dikjarazzjoni 3

Il-Kummissjoni tqis li l-ftehim milħuq mill-koleġiżlaturi skont l-"Anness III - Rekwiżiti ewlenin għas-sistema ta' kontroll tal-Istat Membru" tar-Regolament li jstabilixxi Fond Soċjali għall-Klima fir-rigward tal-possibbiltà tal-Istati Membri li jaħtru aktar minn awtorità waħda li tista' tiġi fdata bir-responsabbiltà li tiffirma d-dikjarazzjoni ta' ġestjoni li takkumpanja t-talbiet għall-pagament jista' jwassal għal ineffiċjenzi u għal dilwizzjoni tar-responsabbiltajiet kif ukoll joħloq konfużjoni dwar ir-rwoli tal-awtoritajiet.
